MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 1488/2010

**London Services Ltd – C 3951**

**vs**

**Worldwide Cars Ltd u b'degriet tat-22 ta' Gunju 2011 gie nominat Dr. Joseph Ellis bhala kuratur deputat bl-istess kumpanija**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' rikorrenti qed titlob li s-Socjeta' Intimata tigi kundannata thallasha s-somma ta' elfejn, tmien mija u tmemin Ewro serbgha u hamsin centezmi €2,880.57c ghal kiri ta' vetturi fuq ordni tal-istess socjeta' intimata. Bl-ispejjes u bl-imghax.

**Ra** li *a fol* 14 *et seq* hemm DOK A li huwa s-*Certificate of Service* mahrug mill-Awtoritajiet Inglizi stante li nnotifika tas-socjeta' intimata riedet issir fir-Renju Unit (ara *fol* 9/10)

**Ra** li b'degriet tad-9 ta' Gunju 2011 l-Avukat Dr. Joseph Ellis inhatar kuratur biex jirraprezenta lis-socjeta' intimata fl-Atti tar-Rikors 1488/10 quddiem dan it-Tribunal.

**Ra** r-RISPOSTA tal-kuratur formulata hekk:-

L-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva li jdahhal RISPOSTA ulterjuri 'l quddiem.

**PROVI**

**1.** **Andre Aquilina** xehed kif gej:-

*Jiena direttur tas-socjeta' attrici li tipprovdi service ta' kiri ta' karozzi. Is-socjeta' konvenuta li hi socjeta' Ingliza kienet aggixxiet bhala agent ghal klijenti taghha sabiex jigu jinkrew karozzi hawn Malta u ghad baqa' xi invoices li ghadhom ma thallsux li jammontaw ghal two thousand eight hundred eighty euro seventy five cents u qed nezebixxi kopja ta' dan l-invoice bhala dok AA. Minn mindu nfethet il-kawza ma thallsu l-ebda ammonti. Qabel ma bdejna din il-kawza konna ppruvajna diversi drabi biex nithallsu u s-socjeta' konvenuta kienet tghid li l-ammonti dovuti lilna kienu thallsu minn terza persuna li meta jiehu dawn il-flus mit-terza persuna mbaghad ihallsu lilna imma fil-fatt xejn minn dan ma kien gara. Din hi riflessa fid-dok AA1 li qed nezebixxi din il-korrispondenza tramite e-mail.*

2. Dok AA jikkonsisti f'ghadd ta' *invoices* li jiggustifikaw it-TALBA u Dok AA1 hemm spjegazzjoni dwaru mix-xhud.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL iqis hekk:-

1. Jigi notat fl-ewwel lok li s-socjeta' Intimata baqghet ma ressqet ebda provi minkejja l-opportunita' li kellha biex taghmel dan. Ghalhekk it-Tribunal irid jasal ghad-decizjoni tieghu fuq il-provi mressqa mis-Socjeta'

Rikorrenti. Hawn jigi notat li din trid tipprova l-kas taghha ghas-soddisfazzjon tat-TRIBUNAL.

2. Mill-provi mressqa jidher li bejn il-kontendenti kien sar negozju ta' kiri ta' cars u d-dettalji kollha jirrizultaw mill-*invoices* esebiti u d-dokumenti l-ohra. Jidher li s-Socjeta' Intimata ressqet lis-socjeta' Rikorrenti diversi klijenti taghha biex jikru car minghand s-Socjeta' Rikorrenti. X'arrangamenti s-Socjeta' Intimata sata kellha ma haddiehor, safejn jinteressa lis-Socjeta' Rikorrenti hu *res inter alios acta.*

3. Ghalhekk fil-fehma tat-TRIBUNAL dak li qed titlob is-Socjeta' Rikorrenti hu tassew dovut lilha mis-Socjeta' Intimata – anke bhala *quantum*.

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL wara li qies dan kollu (1) **jilqa** t-talba attrici u **jikkundanna** lis-Socjeta' Intimata biex thallas lis-Socjeta' Rikorrenti il-*quantum* mitlub ta' elfejn, tmien mija u tmemin Ewro serbgha u hamsin centezmi €2,880.57c (2) **jikkundannha** thallasha l-ispejjes ta' dina l-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ u (3) **jikkundannha** wkoll biex fuq il-*quantum* imsemmi thallasha l-imghax mill-21 ta' Dicembru 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.

Avukat Yana Micallef Stafrace
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------